

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2018 – Arbuzov vs Il-Kunsill**(Kawża T-258/17) <sup>(1)</sup>

**(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista tal-persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta’ fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Żamma ta’ isem ir-rikorrent fil-lista — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)**

(2018/C 249/34)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Partijiet**

Rikorrent: Sergej Arbuzov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Mleziva, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Pekař u J. P. Hix, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/381 tat-3 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2017, L 58, p. 34), sa fejn isem ir-rikorrent inżamm fil-lista tal-persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/381 tat-3 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, hija annullata, sa fejn isem Sergej Arbuzov inżamm fil-lista tal-persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.*
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 213, 3.7.2017.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2018 – Uponsor Innovation vs EUIPO**(Kawża T-264/17) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali SMATRIX — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti AsyMatrix — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95 tar-Regolament 2017/1001) — Estensjoni tal-eżami li għandu jsir mill-mill-Bord tal-Appell — Assenza ta’ evalwazzjoni ta’ prova prodotta quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni”)**

(2018/C 249/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Uponsor Innovation AB (Borås, l-Iżvezja) (rappreżentant: A. Kylhammar, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Swep International AB (Landskrona, l-Iżvezja) (rappreżentanti: J. Norderyd u C. Sundén, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta' Marzu 2017 (Każ R 236/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Swep International u Uponor Innovation.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-1 ta' Marzu 2017 (Każ R 236/2016-2) hija annullata.
- 2) Il-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn Uponor Innovation fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 3) Swep International AB għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti minn Uponor Innovation fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

<sup>(1)</sup> ĠU C 221, 10.7.2017.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Mejju 2018 – Sata vs EUIPO – Zhejiang Rongpeng Air Tools (6000)

(Kawża T-302/17) <sup>(1)</sup>

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali 6000 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 52(1) (a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar Artikolu 59(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament 2017/1001] — Ugwaljanza fit-trattament — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Obbligu ta' motivazzjoni”

(2018/C 249/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Sata GmbH & Co. KG (Kornwestheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-C. Simon, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Zhejiang Rongpeng Air Tools Co. Ltd (Pengjie Town, iċ-Ċina) (rappreżentanti: S. Fröhlich u M. Hartmann, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Marzu 2017 (Każ R 656/2016-4) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Zhejiang Rongpeng Air Tools u Sata.